

32000D0807

L 326/80

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

22.12.2000

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-11 ta' Diċembru 2000****li tistabbilixxi l-forma kodifikata u l-kodiċijiet għan-notifika ta' mard ta' l-annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 84/90/KEE u 90/442/KEE**

(notifikata taħt dokument numru Ċ(2000) 3701)

(Test b'relevanza ŻEE)

(2000/807/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard ta' l-annimali fil-Komunità <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/556/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/90/KEE <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 89/163/KEE <sup>(4)</sup>, tistabbilixxi l-forma kodifikata li biha mard ta' l-annimali għandu jiġi notifikat skond id-Direttiva 82/894/KEE.
- (2) Did-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/442/KEE <sup>(5)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 1996 <sup>(6)</sup>, li tistabbilixxi l-kodiċijiet għan-notifika ta' mard ta' l-annimali.
- (3) Huwa meħtieġ li dawn id-Deċiżjonijiet jiġu kkonsolidati u aġġornati. Ikun aktar trasparenti li wieħed jirrevoka dawn id-Deċiżjonijiet u jstabbilixxi deċiżjoni ġdida waħda.
- (4) Id-Deċiżjoni Nru 2/1999 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Protokoll iffirmit fi Brussel fil-15 ta' Mejju 1997 dwar kwistjonijiet veterinarji supplimentari għall-Ftehim fil-forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalità ta' Andorra <sup>(7)</sup> teħtieġ li l-Andorra tiżdied mas-Sistemi tan-Notifika tal-Mard ta' l-Annimali.
- (5) Sistema ta' kompjuter ibbażata fuq il-web qed tiġi introdotta biex tkun tippermetti t-trasferiment ta' tagħrif kif meħtieġ bid-Direttiva 82/894/KEE.
- (6) Il-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Olanda, in-Norveġja, il-Portugall u Spanja bidlu s-sistemi tan-numerazzjoni tar-reġjuni wżata fis-sistema ta' notifika.
- (7) Biex tittejjeb is-sistema huwa meħtieġ li tiġi permessa dispożizzjoni għal-lokalizzazzjoni aktar preċiża ta' epidemji b'referenza għal-lonġitudni u l-latitudni.

(8) Biex titħares il-konfidenzjalità tat-tagħrif mibgħut, l-Annessi ma' din id-Deċiżjoni m'għandhomx jiġu ppubblikati.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-iskop tal-proċeduri tan-notifika tal-mard ta' l-annimali it-tagħrif għandu jintbagħat fil-verżjoni kodifikata stabbilita fl-Annessi I, II u III li jinsabu ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Għall-iskop tal-proċeduri tan-notifika tal-mard ta' l-annimali it-tagħrif għandu jintbagħat bl-użu tal-kodiċijiet stabbiliti fl-Annessi IV sa X ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Jannar 2001.

*Artikolu 4*

Id-Deċiżjonijiet 84/90/KEE u 90/442/KEE huma revokati mid-data msemmija fl-Artikolu 3.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membri tal-Kummissjoni*<sup>(1)</sup> ĠU L 378, tal-31.12.1982, p. 58.<sup>(2)</sup> ĠU L 235, tad-19.9.2000, p. 27.<sup>(3)</sup> ĠU L 50, tal-21.2.1984, p. 10.<sup>(4)</sup> ĠU L 61, ta' l-4.3.1989, p. 49.<sup>(5)</sup> ĠU L 227, tal-21.8.1990, p. 39.<sup>(6)</sup> Ċh(1996) 4032 finali.<sup>(7)</sup> ĠU L 31, tal-5.2.2000, p. 84.